**12 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Philip Muscat

**Provokazzjoni — Leġittima Difiża — Art. 241 inċiż(c), 243 u 249 tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-iskużanti tal-provokazzjoni ma tistgħax tingħata sempliċement għax l-imputat, fil-waqt tad-delitt, kien aġitat; imma jeħtieġ li din l-aġitazzjoni tkun ġiet prodotta minn ċirkustanzi tali li jintitolawha għall-indulġenza tal-liġi. U għalhekk il-liġi tagħna, fil-waqt li minn naħa waħda tammetti l-provokazzjoni, minn naħa l-oħra tirrikonoxxi illi din il-minoranti għandha tkun limitata b'mod li ma għandhiex tmur kontra l-prinċipju li wieħed għandu l-obligu li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu.*

*Fost ir-restrizzjonijiet tal-iskużanti tal-provokazzjoni hemm anki dik illi min ikun qed jitlob dan il-benefiċċju ma jkunx hu stess il-provokatur; u għalhekk, min f'kollutazzjoni jikkaġuna feriti lil ħadd ieħor ma jistgħax jitlob l-iskużanti tal-passjoni, ma jistgħax jinvoka l-"calor rixae", jekk il-kollutazzjoni pprovokaha hu stess.*

*Meta l-leġittima difiża hi parti mid-difiża tal-imputat, mhux deżiderabbli li din l-eċċezzjoni tiġi sollevata każwalment u "per incidens", imma hu aħjar li tiġi sollevata b'mod sostantiv u formali. Kwantu għall-meritu tal-eċċezzjoni, billi rekwiżit indispensabbli tal-leġittima difiża hu l-inevitabbiltà, ċertament ma tistgħax tiġi nvokata minn imputat li, mhux talli ma evitax l-okkażjoni, imma ħoloqha hu stess u fittixha. U għalhekk, l-istess raġunijiet li jeskludu l-minoranti tal-provokazzjoni jikkonkorra biex jeskludu wkoll, u aktar potentement, il-minoranti tal-leġittima difiża.*

Il-Qorti:— Rat l-atti kompilati kontra Philip Muscat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti

Istruttorja, fuq l-imputazzjoni illi nhar is-7 ta' Ottubru 1959, għall-ħabta ta' 12.45 p.m., f'Jetties Wharf, il-Marsa, b'arma regolari, volontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Fortunato Attard, skond kif iċċertifika Dr. Mansueto, u offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' John Attard, skond kif iċċertifika Dr. Anastasi;

Rat in-nota tal-Attorney General tad-9 ta' Novembru 1959, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli msemmijjin fl-istess nota;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Diċembru 1959, li biha sabet l-imputat ħati (1) ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa bi strument li jaqta' u jniġġeż fuq il-persuna ta' Fortunato Attard, u (2) ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa bi strument li jaqta' u jniggeż fuq il-persuna ta' Ġanni Attard, u ddikjaratu reċidiv f'delitt, u kunndannatu għall-piena tal-priġunerija għal żmien sebgħa xhur;

Rat fol. 91 tal-proċess ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li din il-Qorti timmodifika (recte tirriforma) l-istess sentenza, fis-sens li takkorda lill-imputat il-benefiċċju tal-provokazzjoni, jekk ma jidhrilhiex li għandha takkordalu l-benefiċċju akbar tal-leġittima difiża;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors tal-appell, u kif deher middibattitu, l-appellant ma jiċħadx li hu kien l-awtur taloffiżi fuq il-persuni msemmjin fl-akkuża, iżda qiegħed jinvoka l-iskużanti tal-provokazzjoni, salv dak li sejjer jingħad il-quddiem fuq il-kliem konklużjonali tar-rikors tal-appell;

Dan l-appell jiftaħ, għalhekk, il-kwistjoni, delikata u diffiċli, tal-provokazzjoni f'materja kriminali. Il-ġurista Jameson, li kien irriveda l-Proġett tal-Kodiċi Penali Malti kien osserva, a propożitu ta' din l-attenwanti:— "There is no part of criminal jurisprudence so difficult" (ara note "D" tar-Rapport tiegħu);

Ċert hu assolutament inammissibbli illi l-iskużanti tingħata sempliċement għax l-imputat fil-waqt tad-delitt kien aġitat; għaliex hu ntuwittiv li min, per eżempju, iferixxi, ma jkunx dak il-ħin qed iħossu flemmatiku, imma jkun tabilfors eċċitat bil-fatt tiegħu stess. Jeħtieġ li dik l-aġitazzjoni tkun ġiet prodotta minn ċirkustanzi tali li jintitolawha għall-indulġenza tal-liġi; għaliex, kif qal tajjeb l-istess Jameson (loc. ċit.) :— "But all cases of ungovernable possession are not to be excused. Police as well as reason demand that some check be placed against outbreaks of brutal violence of temper";

Kien għalhekk li l-liġi maltija, provvida, fil-waqt li minn naħa waħda rrikonoxxiet dak li jgħid il-Canofari fil-Kommentarju tiegħu għall-"Codice Penale del Regno delle Due Sicilie" (Vol. III, art. 377, p. 223), illi "la scusa è una lodevole misura, ella fa concorrere benignamente la equità colla giustizia, ella presenta delle precauzioni e delle provvide modificazioni onde serbare la gradazione e la proporzione nei reati e nelle pene, ella garantisce alla legislazione la gloria di essere umana, gli uomini non sono delle macchine impassibili . . . .". minn naħa l-oħra, però, irrikonoxxiet ukoll in-neċessità li din il-minoranti tkun limitata b'mod li ma tmurx kontra l-prinċipju li wieħed għandu l-obligu li jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu; u dawn il-limitazzjonijiet (effett tal-perspikaċja tal-ġurisiti maltin li kkompilaw il-Kodiċi) qegħdin fil-proviso tal-inċiż (c) tal-art. 241. fl-art. 243. u fl-art. 249, kif ukoll fil-ġurisprudenza u fl-insenjamenti dottrinali in propożitu;

Fost dawn ir-restrizzjonijiet tal-iskużanti hemm anki dik li min ikun qiegħed jitlob il-benefiċċju tal-iskużanti ma jkunx hu stess il-provokatur. Kif jgħidu l-Harris & Welshere, Crim. Law p. 201:— "But it (provocation) cannot be

constituted by provocation which was provoked by the prisoner";

Fil-każ preżenti, il-Maġistrat sedenti in prima istanza eskluda l-iskużanti tal-provokazzjoni, fuq il-motiv li mill-provi deher li kien l-imputat ("totidem verbis") "li bid-diportament tiegħu u bi kliemu kien qiegħed ifittex il-provokazzjoni";

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-imputat, ripetutament, fil-ġurnata li żvolġa ruħu dan il-fatt, qal kliem u għamel ġesti offensivi għall-indirizz tal-aħwa Attard. Mhux kuntent bid-diskors tiegħu offensiv u ostili ta' fil-għodu, hu reġa' rriprenda l-atteġġjament tiegħu kontumeljuż u aggressiv wara nofsinhar, u kompla jinsolentahom u jdejjaqhom allavolja għal darba tnejn huma ppruvaw jaqtgħu minnu billi jgħidulu li ma kellux x'iridhom. Meta huma, fl-aħħar, irreaġew bl-idejn, allura hu ħareġ arma u kkaġunalhom il-feriti li jinsabu deskritti fiż-żewġ referti mediċi, fol. 28 u 30 tal-inkartament;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellant ma jistax jitlob l-iskużanti tal-passjoni; in ispeċje, ma jistax jitlob dak li jissejjaħ il-"calor rixae"., avvolja hu kkaġuna l-feriti lill-aħwa Attard fil-kolluttazzjoni magħhom; u dan għaliex dik il-kolluttazzjoni pprovokaha huwa stess;

Minbarra l-prinċipju fuq enunċjat, fis-sens li l-provokatur ma jistax jibbenefika mill-provokazzjoni prodotta bill-provokazzjoni tiegħu stess, jikkonkorri, biex isostni l-veduta tal-każ li ħadet l-Ewwel Qorti, u li issa qegħdha tieħu anki din il-Qorti, anki l-istudju eżeġetiku tal-Liġi Maltija. Il-Jameson, fil-kommenti tiegħu dwar il-Proġett, qal "there is no trace of provision either in the French or in the Neapolitan Code . . . .", u semma, bħala fonti probabbli, l-art. 707 tal-Kodiċi tal-Isole Ioniche; iżda fil-fatt, kif jista' jidher minn Annotazzjonijiet oħra għall-artikoli tal-Kodiċi, l-artikolu attwalment numerat 241 Kap. 12, dwar il-provokazzjoni, ġie ispirat mill-art. 377 tal-Codice Penale del Regno delle Due Sicilie (jingħad difatti f'dawn l-annotazzjonijiet għall-artikolu allura numerat 233, "v. A

Due Sicilie, a. 377"). Issa, f'dan l-artikolu hemm imsemmi l-każ ta' provokazzjoni li tiġi mill-"calor rixae", imma l-iskużanti hi negata "jekk ir-rissa tkun ġiet kaġunata minn dak li jkun qed jitlob il-benefiċċju tal-minoranti tal-passjoni". Jingħad, difatti, hekk:— "Se sieno commessi in rissa di cui il colpevole non è l'autore". U jingħad hekk:— "E' riputato autore della rissa colui che il primo la provochi con offese o ingiurie . . . . ";

Fuq dawn il-provokaturi (kif kien f'dan il-każ l-appellant) il-Canofari (loc. ċit. p. 230) jagħmel dan il-komment skultorju, anki jekk xott:— "V'ha di quei che offendono ingiustamente, e poscia si adirano . . . .";

Għalhekk din il-Qorti, bħal dik tal-ewwel istanzi, hi ta' fehma li l-appellant jiddemeritta l-iskużanti;

Kwantu għall-kliem konklużjonali tar-rikors tal-appell, "jekk din l-Onorabbli Qorti ma jidhrilhiex li għandha takkordalu l-benefiċċju akbar tal-leġittima difiża", għandu jingħad li, meta dirimenti simili hi parti mid-difiża tal-imputat, allura ma jidherx deżiderabbli li tiġi sollevata każwalment u "per incidens", imma hu aħjar li tiġi eċċepita f'mod sostantiv u formali. Kwantu għall-meritu ta' dan il-mezz defensjonali, jekk, stante l-mod li bih ġie sollevat u l-fatt li lanqas issemma fid-dibattitu orali, jista' jiġi kunsidrat bħala tali, jingħad li l-istess raġunijiet li jeskludu l-minoranti tal-passjoni jikkonkorru biex jeskludu, aktar potentement, l-iskriminati tal-leġittima difiża; anki għaliex, biex wieħed isemmi waħda biss mir-raġunijiet rekwiżit indispensabbli ta' din id-dirimenti hi l-inevitabbilità, li ċertament ma tistax tiġi nvokata minn imputat li, mhux talli ma evitax l-okkażjoni, imma anzi ħoloqha u fittixha. Il-leġittima difiża hi ammessa, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, meta l-imputat "cannot escape though he would", imma mhux meta l-imputat "would not escape if he could" (Archbold, 899);

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata.